MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**ANTON DEPASQUALE**

**ONOR. IMHALLEF**
**ALBERT J. MAGRI**

Seduta tat-30 ta' Gunju, 2004

Appell Civili Numru. 751/1997/1

**Carmela Mallia**
**v.**
**Michael u Giovanna konjugi Briffa, Mario u Patricia konjugi Debono**

## Il-Qorti:

Rat l-att ta’ citazzjoni pprezentat fil-Prim’ Awla tal-Qorti Civili illi permezz tieghu l-attrici, wara illi ppremettiet illi hija d-direttarja tal-fondi 3 u 4 Tarxien Road, Paola liema postijiet kienu moghtija permezz ta’ kuntratt ta’ cens datat 6 ta’ Dicembru 1895 fl-atti tan-Nutar Francesco Camilleri; illi b’kuntratt tat-3 ta’ Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà l-imsemmija konvenuti Michael u Giovanna konjugi

Briffa bieghu u ttrasferew allegatament c-cens taghhom fuq zewgt ikmamar tal-imsemmija fondi 3 u 4 Tarxien Road, Paola lill-konvenuti l-ohra Mario u Patricia konjugi Debono; illi dan it-trasferiment sar illegalment billi ma irrispettax il-kondizzjonijiet tac-cens kif originarjament moghtija u t-tieni billi fl-imsemmi (*sic*) dawn gew esentati milli jhallsu ebda forma ta' cens u ghalhekk gew li qasmu c-cens mhux skond il-ligi jew skond il-kuntratt originali; talbet ghaliex dik il-Qorti m'ghandhiex: 1. tiddikjara u tiddeciedi illi l-konvenuti Michael u Giovanna konjugi Briffa kisru l-kondizzjonijiet originali tal-koncessjoni enfitewtika meta bieghu b'kuntratt datat 3 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà parti mil-fondi 3 u 4 Tarxien Road, Paola minghajr ma imponew cens u li kisru l-kondizzjonijiet kif originarjament stipulati fil-kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1895 fl-atti tan-Nutar Francesco Camilleri; 2. tiddikjara irritu u null l-kuntratt 3 ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà; 3. tiddikjara irritu u null l-kuntratt tal-4 ta' Gunju 1963 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius; 4. tipprevedi (*sic*) terminu qasir u perentorju li fih il-konvenuti jigu kkundannati jizgumbraw u jirritornaw lura lill-attrici l-imsemmija fondi 3 u 4 Tarxien Road, Paola; bl-ispejjes [kontra] l-konvenuti mharrka ghas-subizzjoni;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata ta' l-attrici, il-lista tax-xhieda u n-nota tad-dokumenti relativi;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Briffa illi permezz taghha eccepew:

i. Illi it-talbiet attrici in kwantu diretti kontra l-eccipjenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjes peress ili l-eccipjenti meta bieghu lill-konvenuti l-ohra konjugi Debono b'kuntratt datat tlieta (3) ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Carmelo Gafà parti mill-fond tlieta (3) u erba' (4) Traxien Road, Paola, ma kisru l-ebda kundizzjonijiet kif originarjament stipulati fil-kuntratt tas-sitta (6) ta' Dicembru 1895 fl-atti tan-Nutar Francesco Camilleri, peress li fost l-ohrajn, ma kellhom l-ebda obbligu legali li jimponu cens;

ii. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, it-tieni talba attrici fejn intalbet (*sic*) li l-kuntratt tat-tlieta (3) ta' Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà huwa irritu u null hija nfondata u ghandha tigi michuda;

iii. Illi t-tielet talba fejn intalbet id-dikjarazzjoni li l-kuntratt tal-erbgha (4) ta' Gunju 1963 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius huwa irritu u null hija nfondata stante illi m'hijiex bazata fuq l-ebda premessa tac-citazzjoni, u ghalhekk ghandha tigi michuda, u f'kull kaz hija preskritta a tenur ta' l-artikolu 1224 tal-Kodici Civili (Kap. 16);

iv. Illi konsegwentement, in vista tal-premess, ir-raba' talba attrici hija nfondata u ghandha tigi michuda;

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri;

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tal-konvenuti konjugi Briffa, guramentata mill-konvenuta Giovanna Briffa, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat in-nota ta' eccezzjonijiet tal-konvenuti konjugi Debono illi permess taghha eccepew:

1. Illi mhux minnu, li fit-trasferiment mill-konvenuti Briffa lill-konvenuti Debono, tal-1994, ta' parti mil-fond taghhom numru 3 u 4, fi Triq Hal Tarxien, f'Rahal Gdid kien illegali jew sar xi haga li tmur kontra l-kondizzjonijiet tal-kuntratt tal-koncessjoni emfitewtika originali tal-1895;

2. Illi l-kuntratt tal-1994 bejn il-konvenuti Briffa u dawk Debono huwa validu, u skond il-ligi vigenti, peress illi kull divizjoni tal-immobbli in emfitewsi inghata w baqa' b'cens fuqu a proporzjon, u skond ir-rata stabbilita tac-cens, fil-waqt illi l-konvenuti Debono gew semplicement ezonerati mil-hlas tac-cens, li dikjaratament baqa' impost fuq il-propjetà kif a proporzjon maqsum, u li kien ser jibqa' jithallas mil-konvenuti Briffa;

3. Illi t-talba ghad-dikjarazzjoni ta' nullità tal-kuntratt tal-4 ta' Gunju tal-1963, bejn il-konjugi Briffa u r-Reverendu

Don Giovanni Psaila et, hija preskritta ai termini tal-artiklu 2143 tal-Kodici Civili;

4. Illi konsegwentement it-talbiet kollha tal-attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda;

5. Salvi eccezzjonijiet ohra skond il-ligi;

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti konjugi Debono, guramentata mill-konvenut Mario Debono, u l-lista tax-xhieda relativa;

Rat is-sentenza tat-tletin (30) ta’ Mejju, 2001 illi permezz taghha l-Prim’ Awla tal-Qorti Civili iddecidiet hekk:
“… tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba; tichad it-tielet talba; tilqa’ r-raba’ talba u tipprefiggi terminu ta’ tliet xhur li fih il-konvenuti ghandhom jizgumbraw u jirritornaw lura lill-attrici l-imsemmija fondi 3 u 4 Tarxien Road, Paola. Spejjez kwantu ghall 3/4 ghal-konvenuti u 1/4 ghall attrici”,

u dana wara illi kkunsidrat hekk:

“L-azzjoni attrici hija bazata fuq il-konsiderazzjoni li meta saret il-koncessjoni subenfitewtika tal-1994 bejn il-konjugi Briffa u Debono dawn ta’ l-ahhar gew ezentati mill-hlas tac-cens gravanti fuq dik il-parti tal-propjetà li huma akkwistaw b’tali koncessjoni.

“Fil-fatt fil-kuntratt a fol. 12 tat-3 ta’ Mejju, 1994 fl-atti tan-Nutar Carmel Gafà hemm imnizzel li Briffa ‘… bieghu, jassenjaw u jittrasferixxu a favur tal-kompraturi Debono li … qed jaccettaw jixtru u jakkwistaw minn ghandhom l-utile dominju temporanju ghal zmien 45 sena dekorribbili mit-23 ta’ Awissu, 1993 ta’ zewgt ikmamar li jiffurmaw parti mid-dar li ggib in-numru 3 u 4 Tarxien Road, Paola u kif ezenti mill-hlas taghhom tac-cens annwu u temporanju li jibqa’ jithallas mill-vendituri, altrimenti liberi u franki … u liema zewgt ikmamar il-kompraturi sejrin jaghmluhom hanut …’.

"L-attrici qed tissottometti li skond l-artikolu 1497 tal-Kap 16 l-enfitewsi hija nulla jekk is-somma ta' cens ma tigix imsemmija espressament fil-kuntratt. Kull min jidhol f'kuntratt ta' cens irid bilfors jispecifika li hemm hlas ta' *canone*. L-enfitewta ghandu l-obbligu li fl-ebda mument ma jwassal ghall-possibililità ta' telfien tal-propjetà da parti tad-*dominus*. Minhabba dan in-nuqqas min ha l-post f'idejh billi ma jhallas xejn jista' jgib lilu nnifsu f'posizzjoni li jakkwista l-post taht il-preskrizzjoni akkwisittiva. B'dan il-mod anke id-dritt ta' *laudemium* kien qed jitnehha. Inoltre skond id-Dok RFT kuntratt tal-1895 fl-ebda mument il-post shih ma setgha jigi diviz u maqsum minn dar residenzjali ghal wahda ta' fondi kummercjali differenti.

"Tikkunsidra

"L-enfitewsi hija kuntratt li bih wahda mill-partijiet li jikkuntrattaw taghti lill-parti l-ohra, ghal dejjem jew ghal zmien, fond **bi hlas ta' kull sena determinat jew b' cens determinat**, illi din ta' l-ahhar tintrabat li thallas lilha, fi flus jew f'oggetti, **bhala rikonoxximent tad-dominju** (art 1494 Kap 16).

"L-iskop tal-fissazzjoni tal-*canone* huwa, kif tghid il-ligi, bhala rikonoxximent tad-dritt tad-*dominus* li generalment ma jikkorrispondix mal-beneficcju li dan jircevi bit-trasferiment.

"L-attrici qed tibbaza l-azzjoni taghha fuq l-artikolu 1497 li jipprovdi li l-enfitewsi hija nulla jekk is-somma ta' cens ma tigix imsemmija espressament fil-kuntratt.

"Li trid tiddeciedi din il-Qorti hu jekk il-kuntratt tal-1994 li bih il-konjugi Briffa bieghu u ttrasferew il-post lill-konjugi Debono kienx wiehed ta' trasferiment ta' cens jew inkella ta' bejgh assolut.

"Mill-ezami ta' dan il-kuntratt (fol. 12) jirrizulta li dan il-kuntratt ma jirrispekkjax il-kondizzjonijiet tac-cens li l-konjugi Briffa gew moghtija originarjament (ara fol. 15). Fil-kuntratt la gie impost cens u lanqas ma jissemma' *laudemium* li hu ir-rikonoxximent ta' jedd superjuri

appartenenti lill attrici. Inoltre l-post inghata lill-konjugi Debono bi propjetà assoluta ghall hamsa u erbghin (45) sena. B’dan il-mod il-konjugi Briffa fil-fatt qasmu c-cens mhux skond il-ligi u mhux skond il-kuntratt originali. Tant hu hekk li issa l-konvenuti Debono huma liberi li jittrasferixxu l-fond minghajr l-imposizzjoni ta’ cens. Anke l-garanziji li kienu nghataw fil-kuntratt originali gew nieqsa parzjalment stante li l-post issa gie diviz. Il-kuntratt tal-1994 jista’ jwassal ghat-telfien tal-propjetà ta’ l-attrici u tad-drittijiet accessorji.

“Jigi rilevat li Briffa setghu imponew xi tip ta’ cens fil-kuntratt tal-1994 u fl-istess hin ezentaw lill Debono milli jhallsu dan ic-cens u jibqghu responsabbli ghalih huma, izda ma setghux ma jimponux cens. Setghu wkoll indikaw li l-ammont imhallas ghal post kien jirrapprezenta il-kapitalizzazzjoni ta’ cens li kien qed jigi impost.

“Kwantu ghat-tielet domanda ta’ l-attrici ma jirrizulta minn imkien u lanqas mill-premessi tac-citazzjoni ghaliex il-kuntratt tal-1963 ghandu wkoll jigi dikjarat irritu u null, apparti konsiderazzjonijiet dwar preskrizzjoni.”

Rat ir-rikors ta’ l-appell tal-konvenuti konjugi Briffa illi bih, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu illi tigi revokata s-sentenza tat-30 ta’ Mejju, 2001 bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attrici appellata;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici ghall-appell tal-konvenuti konjugi Briffa illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi s-sentenza appellata tigi konfermata;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-konvenuti konjugi Debono illi permezz tieghu, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbu hekk:

“… illi dina l-Onorabbli Qorti joghgobha tbiddel is-sentenz[a] appellata, billi tirrevoka u thassar [l-]istess sentenza in kwantu cahdet l-eccezzjonijiet tal-konvenuti hawn appellanti u laqghat l-ewwel, it-tieni u r-raba’ talba tal-attrici, u **minflok** tilqa’ l-eccezzjonijiet tal-konvenuti hawn appellanti, tichad l-ewwel, it-tieni u r-raba’ talba attrici, u tikkonferma d-decizjoni tal-ewwel Qorti fil-

konfront tat-tielet talba attrici kif michuda, bl-ispejjez kontra l-attrici appellata; kemm tal-prezenti appell kif ukoll dawk tal-Prim Istanza, kontra l-attrici hawn appellata”;

Rat ir-risposta ta’ l-attrici ghall-appell tal-konvenuti konjugi Debono illi permezz taghha, ghar-ragunijiet hemm esposti, talbet illi s-sentenza appellata tigi konfermata;

Ezaminat l-atti kollha tal-kawza;

Trattat l-appell;

Ikkunsidrat:

Illi l-ewwel aggravju kontra s-sentenza appellata illi sejjer jigi konsidrat huwa dik tal-konvenuti appellanti konjugi Debono illi permezz tieghu qed isostnu illi, fil-kliem testwali tar-rikors ta’ appell taghhom, “… l-ewwel Onorabbli Qorti accettat bhala prova d-dikjarazzjoni tal-attrici li hija ***direttarja***, minghajr ma dina gabet provi in sostenn ta’ dan bhala fatt li allura jtiha d-dritt li taghmel it-talbiet taghha”;
Fil-fehma ta’ dina l-Qorti l-appellanti konjugi Debono ressqu dan l-aggravju ghaliex sfuggielhom jew ghazlu illi jinjoraw dak illi qalet l-attrici fl-*affidavit* taghha (fol. 36 u 37); minn dan l-*affidavit* jirrizulta b’mod konkluziv illi meta ntavolat il-kawza odjerna l-attrici kienet direttarja tal-fond jew fondi msemmija fl-att ta’ citazzjoni; dwar liema “affidavit” l-attrici mhux biss ma gietx kontro-ezaminata, talli t-talba illi hija ghamlet lill-konvenuti konjugi Briffa sabiex jigi pubblikat att korrettorju – kif jissemma aktar ’l quddiem – giet accettata mill-istess konjugi Briffa, tant illi gie pubblikat il-kuntratt tal-24 ta’ Gunju, 1996, hawn taht imsemmi.

Ghalhekk, l-aggravju in ezami ta’ l-appellanti konjugi Debono huwa nfondat u qed jigi respint;

Ikkunsidrat:

Illi huwa opportun illi issa jigi konsidrat aggravju iehor tal-konvenuti konjugi Debono, dak illi, ghal dak illi jirrigwarda

l-kuntratt in kwistjoni tat-tlieta (3) ta’ Mejju, 1994 (Dok. GHF, fol. 12 sa 14), ma japplikax l-artikolu 1497 tal-Kodici Civili;

Ghandu jinghad, qabel xejn, illi ma ghandu jkun hemm ebda dubbju illi, minn naha wahda, l-attrici qed tibbaza t-talba taghha illi l-imsemmi kuntratt jigi dikjarat irritu u null fuq dak illi jiddisponi l-artikolu 1497 tal-Kodici Civili u illi, min-naha l-ohra, l-ewwel Qorti waslet sabiex tiddikjara l-istess kuntratt irritu u null u, konsegwentement, tilqa’ t-tieni (2) talba attrici, *ai termini* ta’ l-imsemmi artikolu tal-Kodici Civili. Infatti, fil-paragrafu enumerat tlieta (3) tan-nota ta’ osservazzjonijiet taghha, ipprezentata quddiem l-ewwel Qorti fid-dsatax (19) ta’ Lulju, 2000 (fol. 61A), l-attrici tinvoka - u ticcita parti minn - l-artikolu 1497 tal-Kodici Civili, u fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti waslet ghall-konkluzjoni illi l-imsemmi kuntratt ta’ l-1994 huwa irritu u null ghaliex fuq il-parti tal-fond 3 u 4, Tarxien Road, Paola trasferita permezz ta’ l-istess kuntratt ma gie impost ebda cens u dan, skond l-artikolu 1497 tal-Kodici Civili, jimporta n-nullità tal-kuntratt;

Dina l-Qorti ma taqbilx mal-konkluzjoni illi ghadha kemm issemmiet ta’ l-ewwel Qorti ghaliex, minn ezami tal-kuntratt in kwistjoni ta’ l-1994, jirrizulta illi dan mhux kuntratt ta’ enfitewsi izda huwa kuntratt ta’ bejgh ta’ utili dominju temporanju già kostitwit u illi, konsegwentement, kif tajjeb qed jissottomettu l-appellanti konjugi Debono, l-artikolu 1497 tal-Kodici Civili mhux applikabbli ghall-imsemmi kuntratt;

Ghalhekk, l-aggravju in ezami tal-konvenuti konjugi Debono huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, fil-fehma ta’ dina l-Qorti, il-fatt illi permezz ta’ l-imsemmi kuntratt ta’ l-1994 giet trasferita parti mill-fond 3 u 4, Tarxien Road, Paola minghajr ma ssemma c-cens illi ghandu jaggrava l-istess parti ma jimpurtax in-nullità tal-kuntratt relativ, però, *ai termini* ta’ dak illi jiddisponi l-artikolu 1502 tal-Kodici Civili, l-attrici ma kienitx obbligata

tirrikonoxxi lill-konjugi Debono bhala utilisti ta' l-imsemmija parti tal-fond in kwistjoni;

Tajjeb illi jigi rilevat illi fid-dokument XX2 (fol. 43), esibit quddiem l-ewwel Qorti permezz ta' nota mill-konvenut Mario Debono, u illi huwa ittra datata sitta u ghoxrin (26) ta' Frar, 1996 mibghutha mill-allura konsulent legali ta' l-attrici lill-konvenut Michael Briffa, fost affarijiet ohra, l-attrici qalet hekk:
"In vista tal-fatt illi inti ghaddejt u ttrasferejt zewgt ikmamar li jiffurmaw parti mill-fond fuq imsemmi, ghaldaqstant, inti mitlub thallas is-somma ta' Lm10 bhala laudemium, oltre illi jigi korrett il-kuntratt tat-3 ta' Mejju 1994, sabiex ic-cens dovut jigi mqassam proporzjonalment ghall-kumditajiet skond kif imqassmin" (sottolinear ta' dina l-Qorti);

Il-konvenut Michael Briffa accetta it-talba hawn fuq sottolineata ta' l-attrici billi fl-erbgha u ghoxrin (24) ta' Gunju, 1996 resaq ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt illi kopja fotostatika ta' kopja legali tieghu (Dok. AB) giet esibita mill-konvenuti konjugi Briffa flimkien mar-rikors ta' appell taghhom. F'dan il-kuntratt, fost affarijiet ohra, gie stipulat illi l-parti tal-fond in kwistjoni illi giet trasferita permezz ta' l-imsemmi kuntratt ta' l-1994 lill-konjugi Debono hija soggetta ghal cens annwu u temporanju ta' ghaxar liri (Lm10). Permezz tal-pubblikazzjoni ta' dan l-att, giet kolmata il-"lacuna" illi kien hemm fil-kuntratt tat-3 ta' Mejju, 1994. Jidher illi, sfortunatament, hadd mill-konvenuti ma avza lill-attrici bil-pubblikazzjoni tal-kuntratt dokument AB qabel ma l-attrici intavolat il-kawza odjerna fl-erbgha (4) ta' April, 1997. Mhux biss, izda l-konvenuti naqsu wkoll illi jesibixxu kopja ta' dan il-kuntratt fil-pendenza tal-proceduri quddiem l-ewwel Qorti. Huwa possibbli illi, kieku l-attrici giet infurmata b'dan il-kuntratt meta gie pubblikat hija ma kienitx tintavola l-kawza odjerna. Il-fatt illi dan il-kuntratt ma ngiebx a konjizjoni ta' l-ewwel Qorti sejjer jigi rifless fil-kap ta' l-ispejjes;

Ikkunsidrat:

Illi, permezz ta' l-aggravju avanzat fil-paragrafu enumerat hamsa (5) tar-rikors ta' appell taghhom, il-konvenuti

konjugi Debono qed jissottomettu illi permezz ta' l-imsemmi kuntratt ta' l-1994 ma sar ebda ksur tal-kondizzjonijiet stipulati fil-kuntratt ta' cens originali pubblikat min-Nutar Francesco Camilleri fis-sitta (6) ta' Dicembru, 1895 (Dok. RFT, fol. 4 sa 11);

Illi fis-sentenza appellata l-ewwel Qorti rravvizat ksur tal-kondizzjonijiet stipulati fl-imsemmi kuntratt ta' l-1895 ghaliex, filwaqt illi fl-imsemmi kuntratt ta' l-1994 jinghad: "… liema zewgt ikmamar [tal-fond 3 u 4, Tarxien Road, Paola] il-kompraturi sejri[n] jaghmluhom hanut ..", fi kliem is-sentenza appellata,
"… skond id-Dok RFT kuntratt tal-1895 fl'ebda mument il-post shih ma setgha jigi diviz u maqsum minn dar residenzjali ghal wahda ta' fondi kummercjali differenti."

Minhabba dan l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel (1) u t-teni (2) talbiet attrici kwantu bazati fuq il-premessa illi permezz tal-kuntratt ta' l-1994 il-konvenuti konjugi Briffa "kisru l-kondizzjonijiet kif originarjament stipulati fil-kuntratt tas-6 ta' Dicembru 1895 fl-atti tan-Nutar Francesco Camilleri";

Dina l-Qorti ezaminat sewwa l-kuntratt dokument RFT u ma rnexxiliex issib xi patt stipulat illi "… il-post shih ma setgha[x] jigi diviz u maqsum minn dar residenzjali ghal wahda ta' fondi kummercjali differenti";

Ghalhekk, l-aggravju in ezami tal-konvenuti konjugi Debono huwa fondat;

Ikkunsidrat:

Illi, minn dak illi inghad sa issa, jemergi illi l-ewwel Qorti ma kellhiex takkolji l-ewwel (1) u t-tieni (2) talbiet attrici izda kellha tichadhom. Konsegwentement, kellha tichad ukoll ir-raba' (4) talba attrici;

Ikkunsidrat:

Illi, in vista ta' dak illi inghad sa issa, ma hemmx lok illi, b'eccezzjoni ta' l-aggravju avanzat mill-konvenuti konjugi Briffa fil-paragrafu enumerat erbgha (4) tar-rikors ta'

appell taghhom (illi jehtieg jigi konsidrat biss ghall-finijiet tal-kap ta’ l-ispejjes), jigu konsidrati l-aggravji l-ohra kemm tal-konvenuti konjugi Briffa u kemm tal-konvenuti konjugi Debono;

Ikkunsidrat:

Illi fil-paragrafu enumerat erbgha (4) tar-rikors ta’ appell taghhom il-konvenuti konjugi Briffa javanzaw is-segwenti aggravju:
“Illi, jekk ghal grazzja tal-argument, kellu jigi ritenut illi l-imsemmi kuntratt tat-3 ta’ Mejju 1994 fl-atti tan-Nutar Dottor Carmel Gafà kien irritu u null dan ma kellu qatt iwassal biex l-ewwel Qorti tilqa’ [r-raba’ (4) talba attrici] u tipprefiggi terminu ghall-izgumbrament mill-fondi 3 u 4 Tarxien Road, Paola u li l-konvenuti, konjugi Briffa u Debono, jirritornaw lura lill-attrici l-imsemmija fond [*sic*] … galadarba l-ewwel Onorabbli Qorti ma laqghetx it-tielet talba attrici illi l-kuntratt tal-4 ta’ Gunju, 1963 fl-atti tan-Nutar Joseph Agius kien irritu u null”;

Dina l-Qorti, la darba ghadu fis-sehh il-kuntratt ta’ l-erbgha (4) ta’ Gunju, 1963 - illi ghadu kemm issemma - illi permezz tieghu l-awturi ta’ l-attrici kkoncedew il-fond numru 3 u 4, Tarxien Road, Paola lill-konvenut Michael Briffa b’titolu ta’ subenfitewsi temporanja ghal zmien hamsin (50) sena dekorribbli mill-erbgha (4) ta’ Gunju, 1992, taqbel pjenament ma’ l-aggravju in ezami tal-konvenuti konjugi Briffa;

Ghal dawn il-motivi:

Tiddisponi mill-appelli interposti billi tirriforma s-sentenza appellata fis-sens illi tikkonfermaha kwantu cahdet it-tielet (3) talba attrici u tirrevokaha ghall-kumplament, u konsegwentement tichad l-ewwel (1), it-tieni (2) u r-raba’ (4) talbiet attrici;

Fic-cirkostanzi kollha tal-kaz, senjatament fid-dawl ta’ dak illi intqal f’dan il-gudikat dwar in-nuqqas tal-konvenuti illi jgibu l-kuntratt dokument AB a konjizjoni ta’ l-attrici qabel

ma giet intavolata l-kawza odjerna u a konjizjoni ta’ l-ewwel Qorti qabel ma giet pronunzjata s-sentenza appellata, tordna illi l-ispejjes kollha tal-kawza, kemm ta’ l-ewwel istanza u kemm ta’ din l-istanza jigu sopportati kwantu ghal nofs (1/2) mill-attrici appellata u kwantu ghal nofs (1/2) mill-konvenuti appellanti solidament bejniethom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------